**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 13 ta' Marzu 2002**

**Citaz. Nru: 7/01c**

**Drive-A-Way Limited**

**Vs**

**John Spirteri, Mary Spiteri, Marthese mart Mario Mamo, Philip Sciortino, Dorothy mart Alexander Falzon, Sonia mart Mario Sciberras, Joanne Sciortino, Emanuel Spiteri, Gemma mart Anthony Laferla, Sonia mart Aldo Falzon, Marisa Spiteri, Jacqueline Spiteri, Susanne Spiteri, Alexander Spiteri, Vivienne mart Ronnie Laferla, Alfred Spiteri, Yvonne mart Vincent Borg, Carmel sive Charles Spiteri, Sonia mart Alexander Borg u Guido Spiteri.**

Il-Bord,

Ra c-citazzjoni:

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord tat-28 ta' Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet "John Spiteri et versus Drive-A-Way Limited" rikors numru 36B/97, s-socjeta' hemm intimata giet ikkundannata milli tizgombra mill-fond Drive-A-Way Garage gja Spiteri Garage bla numru fi Triq il-Kappuccini, San Gwann.

Illi s-socjeta' attrici gja ipprezentat citazzjoni sabiex dan l-Onorabbnli Qorti jawtorizza li jsir ir-ritrattazzjoni ta' rikors ghar-ragunijiet hemm indikati.

Illi dan il-fond ossia garage huwa garage ta' "car hire" fejn l-esponenti jiggaraxxja numru sostanzjali ta' vetturi u parts ta' vetturi. Illi oltre dan ghandu jinghad illi l-permess mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa mahrug fuq dan il-fond u m'hijiex kwistjoni facli sabeix jinhareg permess fuq fond iehor, billi iridu isiru l-applikazzjonijiet kollha mill-gdid.

Illi jekk tigi esegwitan is-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord, l-esponenti mhux ser ikun f' posizzjoni illi jiggestixxi n-negozju tieghu billi ikun qieghed jopera kontra l-ligi billi huwa rekwizit li jkollu garage bil-permess ta' care hire.

Illi l-esekuzzjoni ta' din is-sentenza allura sejra tikkaguna aktar pregudizzju lill-esponenti milli lill-intimati billi intrinsikament mhix sejra titbiddel l-posizzjoni legali taghhom.

Illi l-esponenti a tenur tal-artikolu 823(2)(a) u 266(10) tal-Kapitolu 12, huwa tenut illi jaghti garanzija sufficjenti izda billi dan il-kaz huwa wiehed

ta’ zgumbrament, allura qieghed jitlob dana l-Onorabbli Bord sabiex jidderigih u jaghti il-provvedimenti opportuni.

Jghidu l-konvenuti ghaliex dan l-Onorabbli Bord m’ ghandux:

1. Tordna lill-esponenti jaghti dik il-garanzija mehtiega a tenur tal-artikoli 823(2)(a) u 266(10) tal-Kapitolu 12.

2. Tordna it-twaqqif tas-sentenza moghtija minn dana l-onorabbli Bord tat-28 ta’ Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet “John Spiteri et versus Drive-A-Way Limited” rikors numru 36B/97.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni mahlufa tas-socjeta’ attrici.

Ra n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li preliminarjament ecceppew illi :

(a) fl-ewwel lok u in linja preliminari in-nullita’ tac-citazzjoni billi l-procedura li kellu jittenta l-attur missha saret b’ rikors.

(b) fit-tieni lok l-inkompetenza tal-Bord billi tali materja hija ta’ kompetenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti u dawk tar-rikors 36B/97 deciz fit-28 ta’ Marzu 2001;

Sema t-trattazzjoni ta' l-avukati;

Ra l-verbal tad-29 ta' Jannar 2002;

Ikkunsidra,

1. Illi din il-procedura ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-kera fit-28 ta' Marzu 2001.

2. Billi l-Bord li Jirregola l-Kera huwa 'qorti ta' l-ewwel grad' (art 266(12) tal-Kap 12) il-procedura ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza moghtija minnu trid issir b' citazzjoni (823(2) tal-Kap 12).

3. Ghalhekk il-Bord qed jichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intmati bl-ispejjez kontrihom.

4. L-intimati qed jeccepixxu ukoll li l-Bord m'ghandux kompetenza imma hija l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili li hi kompetenti.

5. Is-sentenza inghatat mill-Bord li quddiemu ghandu ukoll citazzjoni 6/01c ghall-smiegh mill-gdid. Il-Bord huwa kopetenti li jilqa' talba ghll-esekuzzjoni ta' sentenza moghtija minnu kif ukoll hu kompetenti bhala 'qorti ta' l-ewwel grad' li jilqa' talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza moghtija minn Qorti ta' Appell kemm jekk tikkonferma kemm jekk thassar

sentenza tieghu. (ara 'Zammit vs Dingli', 28/12/01). L-art 823 (2) fuq imsemmi jghid li

> Il-Qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista'……..tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza……."

6. Ghalhekk il-Bord qed jiddikjara ruhhu kompetenti u jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjes kontrihom u jiddifferixi l-kawza ghal-7 ta' Mejju fl-10.00.

Dep.Reg Magistrat